KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

12 ta' Mejju 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tieni Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-**Tieni (02)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.**

Il-Tieni (02) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Reinstatement – Water Services Corporation
6. Isle of MTV u kuncerti ohra
7. Premijiet Jum il-Floriana
8. Wi-fi Spot
9. Postmortem Festival tan-Nar
10. Ħatra ta' Sottokumitati
11. Proposta ta` Bus Stop - Triq San Frangisk
12. Progett Gardmed
13. Parking / Skema ta Parkegg residenzjali
14. Proposta Grounds – Centru Rikreattiv Re Gorg V
15. Toroq – Triq l-Argotti u Triq l-Iljun
16. Hwejjeg Ohra
17. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tieni (02) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici Sindku Vincent Borg, il-Kunsillier Matthew Paris u l-Kunsillier Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili offruta lill-Kunsillier Anthony Brincat ghall-fejqan ta' malajr.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-ewwel (1) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill li inzammet fid-9 ta` April 2012 gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Vici Sindku Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill li inzammet fit-30 ta` April 2012 gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Vici Sindku Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand James Micallef Grimaud fejn talab l-assistenza tal-Kunsill Lokali biex iniedi progett t'arti fuq il-hitan. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mas-Sur Micallef Grimaud sabiex tigi diskussa din il-proposta.

2.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet kont minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena b'total ta' €931 ghall-marc tal-banda fl-okkazzjoni ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill approva dan il-kont.

2.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba ghall-kiri ta' servizz ta' high-up, total ta' €275. Il-Kunsill approva.

2.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Kunsill Skolastiku tal-Kullegg San Gorg Preca fil-Marsa fejn stiednu lis-Sindku ghac-cerimonja tal-Ghoti ta' Premjijiet ghas-Sena Skolastika u talbu donazzjoni bhala turija t'apprezzament. Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona li jinghataw sett ta' kotba ppubblikati mill-Kunsill bhala donazzjoni lill-iskola. Il-Kunsill approva.

2.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni jattendi c-cerimonja tal-Ghoti ta' Premjijiet ghas-Sena Skolastika fil-Kullegg San Gorg Preca fil-Marsa u f'kaz li ma jkunx jista' jattendi, il-Kunsill qabel li ghandu jattendi l-Kunsillier Matthew Paris.

2.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand id-Direttur ta' Radju Vilhena 106 FM fejn offra lill-Kunsill biex l-istazzjon jibda' jxandar il-laqghat tal-Kunsill b'mod dirett ghall-prezz ta' €325 fix-xahar. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-ispiza msemmija taqbez l-ammont permess mill-ligi ghal *Direct Order*, u ghalhekk f'kaz li l-Kunsill jaqbel fil-principju, ikun hemm bzonn li l-prezz jigi rivedut. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jitlob revizjoni fil-prezz u f'kaz li jkun hemm ftehim, din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

2.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn talbu lill-Kunsill jippartecipa fit-turnament li ser jittella gewwa Kercem, gemellat mal-Floriana.

**Nota: Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.**

Il-Kunsill approva li jiehu hsieb it-trasport ghal dan it-turnament. Il-Kunsillier Matthew Paris fakkar lill-Kunsill sabiex joqghod attent li ma jaqbizx l-ammont allokat lill-ghaqdiet fl-estimi annwali tieghu.

**Nota: Il-Kunsillier Vincent Borg rega' attenda ghal-laqgha.**

2.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Socjeta' Muzikali Madonna tal-Gilju fejn offrew lill-Kunsill pakkett ta' kotba ghal prezz ta' €40. Il-Kunsill ma laqax din l-offerta'.

2.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Vodafone fejn talbu lill-Kunsill jirrevedi l-ammont ta' €23.29 ghal kull tlett ijiem konsekuttivi li jarmaw il-mobile unit taghhom fil-Floriana minhabba li huma ghandhom il-licenzja ta' marketing agent u ghalhekk ihossu li ghandhom ikunu ezentati minn din it-tariffa. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien iddiskuta dan mad-Dipartiment tal-Kummerc u anke ma' kunsilli ohra. Il-Kunsill qabel li ghandha tissejjah laqgha mal-Kumpanija, biex tigi diskussa it-tariffa.

2.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Sinjura Rosanne Galea fejn ilmentat rigward il-parkegg riservat li sar quddiem il-Floriana Mental Health Clinic minhabba li skond hi, dawn ma kellhomx permess joperaw f'dan il-bini. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mill-MEPA ghandu jivverifika jekk dan ir-rapport hux minnu.

2.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Kap tal-Kullegg San Gorg Preca fejn offra lill-Kunsill jipaprtecipa fi zjara tat-tfal lejn Kercem, billi jiehu hsieb it-trasport tat-tfal lejn ic-Cirkewwa u lura. Huwa talab ukoll li il-Kunsill jipaprtecipa fl-Isports Day tal-Iskola. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi il-Medalji, bil-kundizzjoni li dawn il-midjali jkunu juru li l-attivita' tkun saret konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsillier Matthew Paris rega' fakkar lill-Kunsill sabiex iqis l-ammont allokat ghall-ghaqdiet u nsista li t-talbiet mill-ghaqdiet u l-iskejjel ghandhom ikunu iktar frivoli.

2.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet kwotazzjoni minghand Karl De Flavia ghat-tiswijiet tal-*Floriana Heritage Trails signs*. Il-Kunsillier Nigel Holland irrimarka li l-Kunsill ghandu javvicina lill-Pulizija u jitlobhom jiehdu azzjoni u jzidu l-frekwenza tal-patrols taghhom specjalment fil-periferija tal-lokalita' minhabba li qed ikun hemm ammont kbir t'atti ta' vandalizmu li qed jiswew lill-Kunsill eluf t'ewro. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb li jsir rapport lill-Pulizija ta' kull kaz ta' vandalizmu li jkun hemm fil-lokalita'. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni tas-Sur Karl De Flavia ghat-tiswijiet tal-*Floriana Heritage Trail signs*, ghal total ta' €680.

2.13 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Youth in Action fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina zewg zghazagh biex jiehdu sehem fi progett internazzjonali. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li minhabba li l-Kunsill dam ma gie mahtur, ma kienx ghadu fic-cans li jsib zewg zghazagh interessati. Il-Kunsill qabel li ghandu wkoll jirringrazzjahom tal-opportunita' u jitlobhom jikkunsidraw lill-Kunsill f'opportunatijiet ohra.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa rigward il-kaz li kien qam ricenti fejn il-Kunsill approva li jhallas lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart goff ghall-gabra wahda ta' hmistax-il oggett minn residenza wahda. Huwa zied jghid li hu ma jaqbilx li l-hlas kellu jigi approvat minhabba li l-kuntrattur ghamel dan bi hsieb ladarba hu kien jaf li ma jistax jigbor iktar minn zewg oggetti minn residenza wahda f'gabra wahda. Il-Kunsillier Nigel Holland zied jghid li l-kuntrattur kien jaf il-procedura sew u kien abbuza mill-fatt li l-Kunsill dam ma gie elett. Huwa talab li jigi rregistrat li hu assolutament ma jaqbilx li l-kuntrattur jithallas ta' din il-gabra. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jinghata kopja tal-kuntratt li l-Kunsill ghandu

mal-kuntrattur u talab li l-Kunsill jitlob laqgha mal-kuntrattur wara li jkun gie evalwat il-kuntratt. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg saqsa jekk kinietx instabet l-insinja tas-Sindku. Is-Sindku Davina Sammut Hili wiegbet li din kienet baqghet ma nstabitx u talbet lill-eks Sindku Nigel Holland sabiex jaghmel rapport l-ghassa li din kienet mitlufa filwaqt li talbet li tigi ordnata insinja ohra.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **63-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jigi rregistrat fil-minuti li ghalkemm kien ser jivvota favur l-approvazzjoni ta' kontijiet pendenti, xorta wahda jibqa' jsostni li l-kuntrattur Karl De Flavia abbuza mis-sistema u ghalhekk ma kellux jithallas tal-gabra msemmija f'materja nru 3.1.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondat mis-Sindku Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10392 sa 10550 u cekk nru. 0001 sa 0007, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, DSH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Davina Sammut Hili u minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.5 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lir-raguni ghalfejn kien qed jastejni kienet minhabba li ma setax japprova pagamaneti ladarba ma kienx jaf f'hiex jikkonsistu l-*invoices*.

**Nota: 18:25 Il-Vici Sindku Vincent Borg ressaq proposta sabiex tigi diskussa l-materja nru 14.0 qabel il-materja nru 5.0, ssekondat mill-Kunsillier Matthew Paris. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-materja nru 14.0 tigi diskussa qabel.**

**18.25 Il-Kunsill qabel li ghandu jirrisolvi l-laqgha u jitlob lis-Sur Justin Haber flimkien mal-Avukat tieghu sabiex javvicinaw il-mejda tal-Kunsill.**

**18:25 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

**18:30 Is-Sindku Davina Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**
**18:30 It-tieni (02) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali tkompliet.**

**18:35 Il-Kunsillier Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

**19:15 Is-Sur Justin Haber u l-Avukat tieghu skuzaw ruhhom mill-mejda**

**19.15 It-tieni (02) laqgha laqgha tal-Kunsill tkompliet**

## 14.0 Proposta Grounds – Centru Rikreattiv Re Gorg V

14.1 Wara li il-kunsill iddiskuta mas-Sur Haber il-proposta tieghu hargu dawn il-punti:

14.1.1 L-Avukat tal-Kunsill, kien nforma lis-Segretarju tall-Kunsill li kien ser ikollu johrog xi tip ta` sejha, jew ghall-offerti jew ghall-Public Private Partnership sabiex ikun jista' jwettaq dan il-progett.

14.1.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill li wara li kien ta daqqa t'ghajn lill-kuntratt finali, kien hemm bzonn li jitnizzlu xi kundizzjonijiet ohrajn, specjalment il-kundizzjoni li z-zewg grawnds ma jkunux jistghu jinkrew lil terzi persuni.

14.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta fuq id-devoluzzjoni tal-grawnd ghal-10 snin u ghalhekk ma kien hemm l-ebda garanzija li z-zewg grawnds kienu ser jibqghu f'idejn il-Kunsill ghall-ghaxar snin li gejjin. Il-Kunsill talab li din tigi specifikata fil-kuntratt sabiex kollox ikun car. Il-Kunsill qabel li tizdied il-kundizzjoni "the Council shall use its best endeavours to make sure that the government renews the lease agreement".

14.1.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li ghandhom jigu diskussi xi hinijiet fejn il-grawnds jibqghu vakanti.

14.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jiltaqa' mal-Avukat tas-Sur Haber din il-gimgha stess u jiffinalizzaw il-kundizzjonijiet imsemmijja

14.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitkellem mad-Dipartimenrt dwar dan u jivverifika jekk f'dan il-kuntest, jistax johrog sejha ghall-offerti kif ukoll li tkun b'mod urgenti.

**Nota: 19:20 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Reinstatement – Water Services Corporation

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li l-Kunsill kien ircieva korrispondenza minghand il-Water Services Corporation fejn gie mitlub jaghmel l-ghazla tieghu dwar is-sistema li jixtieq ihaddem fil-lokal fir-rigward tal-asfaltar tal-kanali meta jsir xi xoghol mill-Water Services Corporation.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kien hemm zewg alternattivi: li x-xoghol isir mill-WSC minghajr ma l-kunsill lokali ihallas spejjez involuti jew li x-xoghol isir mill-kunsill lokali skont il-ftehim bejn l-WSC u l-AKL.

5.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghzel li x-xoghol isir mill-Water Services Corporation minghajr ma l-kunsill lokali ihallas xi spejjez involuti.

**Nota: 19:25 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 6.0 Isle of MTV u kuncerti ohra

6.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li l-Kunsill kien rega gie avvicinat mill-organizzaturi tal-Isle of MTV biex ghal darb'ohra terga' tittella' edizzjoni ta' dan il-kuncert fuq il-Fosos.

6.2 Is-Sindku ssuggeriet li ssir laqgha mar-residenti flimkien mal-MTA.

6.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ssuggeriet ukoll li l-Kunsill jiltaqa' mal-MTA u mas-Sinjorina Carina Dimech mill-aktar fis.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jirrevedi l-kundizzjonijiet li nghataw is-sena l-ohra ghal dan il-kuncert u jekk xtaqux izidu xi kundizzjonijiet ohra li ma kienux inkluzi s-sena li ghaddiet.

6.5 Il-Vici Sindku Vincent Borg sostna li l-Kunsill ghandu, bhall-ma gara fis-snin li ghaddew, jitlob ammont ta' biljetti b'xejn ghall-kull kuncert li ser jittella fuq il-Fosos, li jinghataw lill-kunsilliera, lill-istaff u lir-residenti.

6.6 Il-Kunsill qabel li bhas-sena l-ohra, jerga' jalloka l-istess numru ta` posti ghal kuncert tal-MTV fi Triq Sarrija in-Naha tal-iskola Primarja, li jigu allokati bil-polza.

6.7 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li johrog avviz fil-gazzetta tal-Gvern u li jitwahhal avviz fin-noticeboards tal-Kunsill dwar meta tkun ser issir il-polza.

6.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn individwu li talab permess sabiex jorganizza attivita' karitatevoli fil-bitha tal-Klabb tal-Bocci u fil-parking area li hemm fi Triq V. Dimech. Il-Kunsill qabel fil-principju.

6.9 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li din it-talba tigi pprezentata bil-miktub qabel ma tinhareg *no objection* mill-Kunsill.

6.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn zewg kumpaniji li talbu sabiex jigu organizzati zewg kuncerti fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni diment li d-data tal-kuncert ma tahbat mal-ebda attivita' ohra li diga giet ikkonfermata.

## 7.0 Premijiet Jum il-Floriana

7.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi ghamlet riferenza ghall-premjijiet li ssoltu jinghataw matul Jum il-Floriana. Hija ziedet tghid li peress li din is-sena dawn il-premjijiet ma kienux inghataw minhabba ragunijiet varji, is-Sindku ssuggeriet li l-premjijiet jinghataw fl-attivita' li jmiss tal-progett GARDMED – Artist's Garden

7.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta sabiex tinzamm it-tradizzjoni tal-ghoti tal-premjijiet u anke minhabba li l-Kunsill kien diga ddecieda lil min ghandhom jinghataw il-premjijiet.

## 8.0 Wi-fi Spot

8.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-wi-fi spots li hemm madwar il-Floriana u ssuggeriet li l-Kunsill izid iktar wi-fi spots minhabba li l-lokalita' hija ffrekwentata minn

hafna turisti li jkunu jixtiequ jaghmlu uzu minn dan is-servizz utli.

8.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikkuntattja lill-Malta Tourism Authority sabiex jirraporta li l-wi-fi li hemm fuq il-Fosos ma kienx qed jiffunzjona. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li diga kien ghadda r-rapport u l-MTA kienu nformawh li ghandhom jibghatu technician minn taghhom fuq il-post.

8.3 Il-Kunsillier Matthew Paris offra li jidhol f'kuntatt mal-MTA sabiex jitkellem dwar il-proposta ta' zieda ta' iktar wi-fi spots u jiehu hsieb jara x'offerti qed joffru u xi spejjez ser tkun tinvolvi din iz-zieda.

8.4 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Matthew Paris jikkuntattja lill-MTA u qabel ukoll li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss wara li jkunu saru d-diskussjonijiet mal-MTA.

## 9.0 Postmortem Festival tan-Nar

9.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi qalet li din l-edizzjoni tal-Festival tan-Nar kienet wahda mill-aktar edizzjonijiet li ghamlet success u ziedet tghid ukoll li l-esebizzjoni viziva u s-sawnd kienu brillanti.

9.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ghalkemm kienu nqalghu xi intoppi dakinhar tal-attivita', kollox kien gie solvut u l-kunsill kien sab koperazzjoni minghand kulhadd.

9.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li sfortunatament, l-ispiza ghal dan il-festival kienet qed tigi tammonta ghal hafna flus u l-Kunsill mhux ser jibqa' fi stadju li jaffordja spiza bhal din.

9.4 Il-Kunsillier Nigel Holland qal li hemm bzonn isir sforz ikbar mill-kunsilliera sabiex jibdew jingabru sponsorships li jkunu jistghu itaffu mill-ispiza finali. Il-Kunsill qabel li ghandu jahdem iktar fuq sponsorships fl-edizzjoni tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat li jmiss.

9.5 Il-Kunsilier Matthew Paris issuggerixxa li fl-edizzjoni li jmiss, il-Kunsill johloq seating area li tkun bil-biljetti u ghalhekk ikun jista' jtaffi ftit mill-ispiza.

**Nota: 20:05 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**
**20:10 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

9.6 Il-Kunsillier Matthew Paris qal ukoll li minhabba li f'din l-edizzjoni tal-festival ma kienx hemm kompetizzjoni, il-Kunsill kien tilef anke mid-dhul tal-sms's li jintbaghtu ghall-votazzjoni.

9.7 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll li l-Kunsill jikkuntattja xi travelling agents qabel ma tittella' l-edizzjoni li jmiss tal-festival sabiex jinkludu l-festival fit-tours li jkunu qed joffru f'dawk iz-zmenijiet u b'hekk ikun hemm dhul u attendenza garantiti.

## 10.0 Ħatra ta' Sottokumitati

10.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li ladarba s-sottokumitati li kien hemm fil-legislatura l-ohra tal-Kunsill kienu gew xolti mal-legislatura, kien hemm bzonn li jergghu jinhatru xi sottokumitati.

10.2 Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill johloq sottokumitat tal-Avvanz u l-Ugwaljanza tan-Nisa.

10.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-membri li kienu jifformaw parti mis-sottokumitati tal-hames legislatura u jistaqsi jekk kienux ghadhom interessati jzommu l-kariga li kellhom u jergghu jifformaw parti mis-sottokumitati li kienu membri fihom qabel.

10.4 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li minflok diversi sottokumitati ghall-karigi kollha li ghandu, jinholoq sottokumitat wiehed li jkun ikopri l-karigi kollha tieghu.

10.5 Il-Vici Sindku Vincent Borg ippropona li jinholoq sottokumitat ghall-kura tal-anzjani, harsien tac-cittadin u gwardjani lokali.

10.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet suggeriment biex jigi mahluq sottokumitat tal-Ambjent, Indafa u Infrastruttura.

10.7 Il-Kunsill approva li jahtar is-sottokumitati msemmija u li jkun jista' jahtar sottokumitati ohra skont il-bzonn matul iz-zmien.

## 11.0 Proposta ta` Bus Stop - Triq San Frangisk

11.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li kienet giet avvicinata minn diversi residenti li esprimew ix-xewqa li jsir bus stop fi Triq San Frangisk minhabba li t-telgha minn Pjazza Sir Luigi Preziosi ghal Triq Sant'Anna kienet iebsa wisq ghall-anzjani.

11.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Transport Malta u jitlobhom jesploraw il-possibilta' li jsir bus stop gdid fi Triq San Frangisk.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha tal-Kunsill b'siegha.**

## 12.0 Progett Gardmed

12.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li iktar tard din il-gimgha, hi flimkien mas-Segretarju Ezekuttv kienu ser imorru Sqallija ghall-konferenza ta' GARDMED.

12.2 Is-Sindku ziedet tghid li kienet regghet qamet il-kwistjoni ta' kif ghandhom jintefqu l-fondi minhabba li Dr. Buhagiar, kuratur tas-sezzjoni botanika tal-Argotti, kien baqa' jenfasizza li l-fondi kellhom jigu distribwiti b'mod differenti minn dak li ddecieda l-Kunsill f'laqgha precedenti.

12.3 Il-Kunsill qabel li ladarba dawn kienu decizjonijiet mehuda f'laqgha tal-Kunsill, u huma decizjonijiet gusti fuq bazi ta limitazzjonijiet legali, kellu jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jinghata estimi u bilanc ta' kif ser ikunu ntefqu l-fondi sabiex ikunu pprezentati fil-laqgha ta' GARMED li ser issir dik il-gimgha.

**Nota: 20:40 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**
**20:45 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**
**20:45 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Parking / Skema ta Parkegg residenzjali

13.0 Is-Sindku Davina Sammut Hili ssuggeriet li jergghu jibdew it-tahdidiet ma' Transport Malta u li l-Kunsill jitlob li jigu riveduti l-hinijiet taht l-iskema ta' parkegg residenzjali minn saghtejn u nofs ghal siegha. Hija ziedet tghid li l-hinijiet prezenti jaghtu lok ghall-abbuz mill-impjegati tal-ufficini li johorgu jdawwru l-hin tal-arlogg.

**Nota: 20:50 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

13.2 Il-Kunsillier Nigel Holland qal li r-raguni ghalfejn il-kunsill precedenti kien talab li l-hin allokat ikun ta' saghtejn u nofs kien minhabba li l-kunsill ma riedx li tbati l-komunita' kummercjali tal-lokalita'.

13.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili wiegbet li kien hemm diversi lokalitajiet ohra li kellhom komunita' kummercjali bhal dik tal-lokalita' Furjaniza, u li kellhom il-hin ta' siegha allokat, bhalma hi l-lokalita' tal-Hamrun, ecc.

13.4 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jikteb lill-Transport Malta dwar din il-proposta u jitlob li jiltaqa' maghhom.

13.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikkonsidra li jbiddel wahda mir-regolamenti tieghu li jaghti permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali lill-ulied dawk ir-residenti li ghandhom 'il fuq minn sittin sena biss u minflok jikkunsidra li jibda' jaghti permess wiehed lil wiehed mill-ulied ta' kull familja minkejja li hadd mill-ġenituri ma jkun ghadu ghalaq is-sittin sena. Is-Sindku ziedet tghid li fis-sitwazzjoni prezenti thoss li l-Kunsill qed ikun diskriminatorju ma' dawk il-familji li ghalkemm ghad m'ghandhomx sittin sena, xorta wahda ghandhom il-bzonn li uliedhom jigu jzuruhom minhabba li jkunu morda.

13.6 Il-Kunsillier Nigel Holland fakkar li kien ghal kazijiet eccezzjonali bhal m'huma dawn, li l-Kunsill precedenti kien hatar il-Bord tal-Verifika. Huwa kompla jghid li familji li ghandhom kazijiet estremi jistghu iressqu t-talba taghhom ghall-permess quddiem il-Bord tal-Verifika.

13.7 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel verifika ta' kemm-il spazju ta' parkegg hemm fil-lokalita' sabiex il-Kunsill ikun jaf kif inhuma l-fatti kollha qabel ma jiehu decizjoni bhal din li jista' jkollha mpatt qawwi fuq ir-residenti.

**Nota: 21:15 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

13.8 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss wara li tkun saret din il-verifika.

13.9 Is-Segetarju Ezekuttiv ressaq appell ta` talba ghal permess permanenti quddiem il-Kunsill izda l-Kunsill ma qabilx li din it-talba ghandha titressaq quddiemu u talab li t-talba tigi ppezentata lill-Bord tal-Verifika.

**Nota: 21:20 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

13.10 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jahtar Bord tal-Appelli ghal dawk l-applikanti li jhossu li ghandhom jappellaw mid-decizjoni tal-Bord tal-Verifika, minhabba li ma jkunx gust li l-Bord tal-Verifika jkollu jirrevedi d-decizjoni li tkun mittiehda mill-Bord stess. Il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar Bord tal-Appelli.

## 15 Toroq – Triq l-Argotti u Triq l-Iljun

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lill-Vici Sindku Vincent Borg jiftah id-diskussjoni.

15.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill bil-bankina li kienet qed issir fi Triq l-Argotti.

15.3 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa min kien iddecieda li l-bankina ssir id-daqs li saret. Il-Vici Sindku Vincent Borg wiegeb li d-daqs kien gie deciz mill-Perit tal-Kunsill.

15.4 Il-Kunsillier Nigel Holland wiegeb li l-bankina kienet gejja dejqa wisq u missha saret iktar wiesgha.

**Nota: 21.30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tiggeded b'siegha.**

15.5 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill li l-Enemalta kienu ser iqabbdu l-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jaghmel xi xoghol ta' tarmac wara li jhaffru Triq l-Argotti sabiex jghaddu trinka.

15.6 Il-Vici Sindku Vincent Borg qal li ghalkemm il-Kunsill ma kienx inkluda l-parti l-ohra ta' Triq l-Argotti, hu jipproponi li din tinghata t-tarmac u tkun inkluza fil-programm t'issa. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

15.7 Il-Vici Sindku Vincent Borg zied jghid li l-Kunsill kellu jiddeciedi jekk izommx il-bankina li hemm prezentement, u jinghata t-tarmac sal-bankina jew jekk titnehhiex il-bankina u jinghata t-tarmac sal-hajt. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob approvazzjoni u jiddiskuti mal-perit, jekk tistax titnehha l-bankina u li din il-materja titpogga fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

15.8 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li tigi riveduta l-bankina li kienet qed issir fi Triq l-Argotti minhabba li din kienet qed issir dejqa wisq. Il-Kunsillier Vincent Borg informa li l-kurduna kienet diga bdiet titqieghed.

**Nota: 21:40 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 16 Hwejjeg ohra

16.1 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn residenta fi Pjazza E.S. Tonna li talbet li ssirilha rampa fil-bankina taghha sabiex ikollha access ghas-siggu tar-roti. Dan fid-dawl tal-fatt li din il-bankina m'ghandiex rampa biex tkun accessibli, fl-ebda tarf. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 21:45 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

16.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat li kienet giet avvicinata minn resident li nformaha li kien qed jintrema l-iskart faccata tal-Fsobians Club. Ir-residenta kienet issuggeriet li ssir planter sabiex ma jkunx jista' jibqa' jintrema skart f'dan il-post. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti permess lir-residenta sabiex taghmel qasrija hi personali u f'kaz li l-idea tahdem, il-Kunsill jiehu hsieb isebbah iz-zona b'iktar planters.

16.3 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li hemm sigra hdejn l-Isptar Sir Paul Boffa li kellha bzonn tinzabar. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb li din tinzabar.

16.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat li kienet giet avvicinata mill-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti fejn talbu li jaghmlu streamer fi Triq Sant'Anna fejn jippromwovu l-attivitajiet

taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi necessarji mill-entitajiet kollha. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob 1000€ fix-xahar jew inkella minimu ta' 500€ jekk it-talba tkun pro-rata.

16.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li jinhargu fuljetti li jitqassmu lir-residenti fid-djar fejn ikunu nformati bil-karigi tal-kunsilliera u li fihom il-Kunsill jerga' jfakkar lir-residenti dwar kif jahdem is-servizz tal-gbir ta' skart goff u anke li l-bins li hemm fit-toroq ma jistghux jintuzaw biex jigi mormi fihom skart domestiku. Il-Kunsill qabel.

16.6 B'riferenza ghall-materja precedenti, il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill iqabbad kumpanija in partikolari fejn tiehu hsieb l-artwork u d-distribuzzjoni tal-fuljetti hi bi qliegh mill-isponsors u r-reklami tal-fuljett. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika kif tahdem din il-kumpanija.

16.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur idur il-culverts tal-lokalita'. Il-Kunsill approva.

16.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikri zewg mobile toilets ghall-perjodu tas-Sajf, wiehed ghal fuq il-Fosos u l-iehor ghal taht il-Forka. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-Malta Tourism Authority sabiex iduru l-fili tal-fosos wara li jittella' l-kuncert tal-Isle of MTV. Il-Kunsill approva.

16.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li jinhaslu s-central hangings kollha tal-lokalita' minhabba li kienu mahmugin u ma kienux qed juru d-dawl li suppost. Il-Kunsill approva u qabel li ghandu jitkellem man-Nexos Lighting.

16.11 Il-Vici Sindku Vincent Borg ippropona li ghandhom jitnaddfu wkoll il-wallmounteds. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem man-Nexos Lighting.

16.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat li ser issir laqgha ghas-Sindki u ghall-Vici Sindki nhar il-25 u s-26 ta' Mejju fejn l-ispiza ser tammonta ghal €72 ir-ras. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 11 ta' Gunju 2012 fis-6.00pm.

Il-laqgha ntemmet fl-22.20.

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv